MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Avviz Numru. 239/2013

**Onor George Vella M.D. MP**

**vs**

**Louiselle Vassallo bhala editrici registrata ta' l-istazzjoni televisiv 'Net Television' jew kif maghruf NET TV u kif ukoll**
**Nathaniel Attard bhala 'Head of News' tat-taqsima ta' l-ahbarjiet ta' l-imsemmi stazzjoni televiziv**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis 16 ta' Awissu 2013 fejn ir-rikorrent, filwaqt illi ghamel referenza ghal xandira illi saret fuq l-istazzjoni televisiv fl-edizzjoni ta' l-abharjiet ta' NET News fl-10 ta' Awissu 2013 fit 20.00, sahaq illi dak hemm imxandar sar bil-ghan li ttellfulu jew tnassulu mir-reputazzjoni tieghu jew li tesponuh ghar-ridikolu tal-pubbliku, u ghalhekk talab illi huma jigu kkundannati ihallsu danni lill-istess rikorrent.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimati fejn, in linea preliminari, Nathaniel Attard talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi mhuwiex l-awtur tal-pubblikazzjoni. Fuq il-meritu, l-intimati t-tnejn sahqu illi fil-pubblikazzjoni ma kien hemm xejn libelluz u, fil-pubblikazzjoni, kien hemm mistoqsijiet legittimi li r-rikorrent seta jwiegeb b'mod komprensiv u li kellu kull dritt jitlob li l-ispjegazzjoni tieghu tigi pubblikata izda, minflok, ipproceda bil-kawza odjerna.

Ra l-affidavit tar-rikorrent ippresentat fit 18 ta' Novembru 2013.

Ra id-dokument esebit mir-rikorrent fis 27 ta' Jannar 2014.

Sema x-xhieda ta' **Raymond Scicluna**, rappresentant ta' l-Ufficju ta' l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, moghtija fil 5 ta' Mejju 2014 u ra id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat illi fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2014 il-Qorti ordnat lir-rikorrenti sabiex jesebixxi transcript ta' l-ahbar meritu tal-kawza odjerna.

Rat illi, fis-seduta tat 2 ta' Frar 2015, l-intimat ippresenta t-transcript tal-ahbar kif imxandra fuq in-NET TV u li dwaru qieghed jilmenta r-rikorrent.

Rat illi fid 9 ta' Marzu 2015, ir-rikorrent iddikjara illi huwa ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi, fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2015, l-intimat ippresenta kopja ta' ittra mibghuta lill-konsulent legali tar-rikorrent, datata 31 ta' Jannar 2014, fejn l-intimati, fejn baghtu dikjarazzjoni illi huma kienu disposti li jxandru wara dokumentazzjoni ippresentata mir-rikorrenti fil-Qorti, liema dikjarazzjoni ma gietx accettata mir-rikorrent.

Rat illi tali dikjarazzjoni kienet tghid is-segwenti:

> *Issir referenza ghall-pubblikazzjoni li saret f'NET News tal-10 ta' Awissu 2013 li fiha intqal li l-Onor Vella ma semmiex fid-Dikjarazzjoni tal-Assi tieghu villa fi triq San Girgor, Zejtun, u l-parti tal-istess vella uzata bhala klinika meta kien iservi bhala tabib u ghall-kawza ta' libell li ressaq il-Ministru George Vella kontra NET TV.*
>
> *Mid-dokumenti esebiti fil-kawza mill-Onorevoli Vella jirrizulta illi din il-vella fi Triq San Girgor, Zejtun u l-parti tal-istess villa uzata bhala klinika meta kien iservi bhala tabia, gew imhollija lill-martu b'wirt minn missierha, u ghalhekk jappartjenu esklussivament lill-martu.*
>
> *NET News ghalhekk qed tirtira l-allegazzjoni li ghamlet u jiddiskjaciha ghall-inkonvenjent li holqot ghall-Onor Vella.*

Rat illi l-intimati iddikjaraw li, ftit jien qabel id-9 ta' Marzu 2015, huma kienu xandru dina d-dikarazzjoni fuq l-ahbarjiet ta' NET News.

Rat illi fl-istess seduta tad 9 ta' Marzu 2015, il-partijiet qablu illi ma kien hemm ebda provi ohra x'jippresentaw u li l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza odjerna tirigwarda xandira ossija ahbar imxandra fuq l-ahbarjiet principali tat-tmienja ta' filghaxija ta' NET News fl-10 ta' Awissu 2013 fejn l-ahbar imxandra u meritu tal-kawza odjerna kienet intitolata '**Dikjrazzjoni tal-assi Gorg Vella**'.

F'tali ahbar, gie rappurtat illi r-rikorrent, bhala Ministru tal-Affarjiet Barranin tal-Gvern Malti, u gia Membru tal-Parlament, "*ghal xi raguni, fid-dikjarazzjoni tieghu ... naqas milli jiddikjara l-villa u l-klinika tieghu fiz-Zejtun dan mikejja li ddikjara mezzanin f'Wied il-Ghajn u iehor fiz-Zejtun u sansitra qabar fl-Addolorata.*"

Jirrizulta illi min kien qieghed ihejji r-rapport hekk imxandar ghamel domandi lir-rikorrent sabiex jiggustifika tali datt u, tramite l-Ufficjal tal-Komunikazzjoni tieghu, intqal illi "*Il-Ministru George*

*Vella ddikjara ezatt u biss dak li titlob id-dikarazzjoni tal-assi*". Fuq domanda ulterjri, tali Ufficjal, Glenn Bedingfield, zied jghdi illi "*Nahseb li r-risposta taghna kienet cara li l-Ministru ddikjara bl-ezatt u biss dak li ntalab jiddikjara skond id-dikjarazzjoni tal-assi.*"

Jirrizulta illi tali xandira saret fl-10 ta' Awissu 2013 u l-kawza odjerna nbdiet fis 16 ta' Awissu 2013.

Jirrizulta mill-provi prodotti illi, attwalment, il-propjeta 45, St. Gregory Street, Zejtun, li tinkuldi wkoll garage u gnien anness maghha, kien propjeta parafernali tal-mara tar-rikorrent, Mary Anne Vella gia Grima, u dana wara illi hija wirtitha minghand il-genituri taghha stante illi thalliet lilha minnhom fit-testment taghhom qabel iz-zwieg taghha mar-rikorrent.

Jirrizulta illi, permezz ta' dokument esebit fil-Qorti fis 27 ta' Jannar 2014, dak dikjarat mir-rikorrent permezz ta' affidavit quddiem dina l-Qorti fit-12 ta' Dicembru 2013 gie kkonfermat stante illi gie esebit it-testment tal-genituri tal-mara tar-rikorent.

Jirrizulta illi l-Artikolu 5 tal-Kodici ta' l-Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati hekk kif stabbilit fil-Kap 113 tal-Ligijiet ta' Malta intitolat 'Privileggi u s-Setghat tal-Kamra tad-Deputati' jipprovdi li:

> *"Kull membru tal-Kamra tad-Deputati għandu ta' kull sena fiż-żmien stabbilit mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati jindika f'reġistru li jinżamm għal dan l-għan mill-iSpeaker, u liema reġistru jkun miftuħ għall-ispezzjon tal-pubbliku."*

Fost l-affarjiet illi ghandhom jigu indikati f'tali registru hemm:

> *"il-proprjetà immobbli tiegħu, dik tal-konjuġi jekk ikun hemm il-komunjoni tal-akkwisti, dik tal-ulied tiegħu ta' taħt l-età kif ukoll, jekk ikun hekk jixtieq, il-mod kif din tkun inkisbet u kif tkun qegħda tiġi użata;"*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti quddiem dina l-Qorti illi, filwaqt li ma ngiebet ebda indikazzjoni dwar x'kien iddikjara attwalment ir-rikorrent a tenur tal-fuq imsemmi Kodici ta' l-Etika, jirrizulta accettat illi r-rikorrent ma indikax f'tali dikjarazzjoni il-propjeta li tinstab gewwa 45, Triq San Girgor, Zejtun, u dana peress illi tali propjeta kienet propjeta' parafernali tal-mara tar-rikorrent u, ghalhekk, skond ir-rikorrent, ma kellhiex tigi riprodotta fil-lista ta' l-assi tar-rikorrent.

Jirrizulta illi, ghalkemm kull Membru tal-Parlament huwa obbligat illi jiddikjara kull propjeta immobbli tieghu, tal-konjugi tieghu jekk huwa ghandu komunjoni tal-akkwisti mieghu, u tat-tfal tieghu, anke jekk dawna jkunu taht l-eta, huwa ippruvat illi l-propjeta li dwarha saret referenza fl-ahbar kienet inghatat lill-mart ir-rikorrenti b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara l-mewt tal-genituri taghha.

Jirrizulta illi r-rikorrent illamenta, permezz ta' l-affidavit tieghu, illi huwa kien urtat bl-istrategija illi l-media ta' l-Opposizzjoni u l-Opposizzjoni stess kienet qieghda tadopera "*intiza biex tpoggi lill dawn il-Ministru f'dawl ikrah f'ghajnejn il-pubbliku in generali*".

Jirrizulta illi r-rikorrent kien urtat, inizjjalment, bl-attakk illi kien qed isir fi-konfront tieghu talli, ghal xi zmien, minkejja li kien Ministru tal-Affarjiet Barranin, kien baqa' jara lill xi klijenti sakemm eventwalment "*infatam mill-klijentela pjuttost kbira*" li kellu.

Jirrizulta illi, eventwalment, wara li waqaf jara il-klijenti li kellu bhala Tabib, inbeda attakk kontra r-rikorrent fejn intqal illi huwa ma kienx ghamel dikjarazzjoni korretta ta' l-assi tieghu, ghal liema attakk huwa irrisponda darbtejn li kien nizzel "*biss u ezatt dak li titlob minni id-dikjarazzjoni*".

Jirrizulta illi, madanakollu, l-intimati, bhala l-media ta' l-Opposizzjoni, insistew fuq il-fatti illi kellhom u ippubblikaw l-ahbar meritu tal-kawza odjerna, ghal liema ahbar ir-rikorrent nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta ben ippruvat illi l-allegazzjonjiet illi saru fil-konfront tar-rikorrenti fl-ahbar meritu tal-kawza odjerna kienu infondati u ghalhekk jisthoqq illi jigu ccensurati minn dina l-Qorti u dikjarati bhala malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.

Jirrizulta, di fatti, illi l-intimati stess ammettew illi kienu zbaljaw fl-allegazzjonijiet taghom, tant illi xandru dikjarazzjoni fejn iccaraw il-fatti kif kienu u iddikjaraw li kienu qed jirtiraw l-allegazzjonijet li ghamlu fi-konfront tieghu u "jiddispjaciha ghall-inkonvenjent li holqot ghall-Onor Vella".

Dana ghalhekk iwassal biex il-Qorti tiehu l-konsiderazzjonijiet opportuni dwar id-danni illi ghandha tillikwida fil-kawza odjerna.

Fil-kawza fl-ismijiet '**Anthony sive Ninu Zammit vs Dr Alfred Sant**' deciza minn dina l-Qorti fis 17 ta' Marzu 2014, saru s-segwenti kosniderazjonijiet illi jisthoqq illi jsiru wkoll ghall-kawza odjerna:

> *L-ewwel u qabel kollox, ghandu jigi osservat illi r-rikorrent kien Membru tal-Parliament, u, aktar u aktar, Ministru, u ghalhekk, il-livell ta' kritika lejh ghandha tkun ferm oghla. Madanakollu, ir-rikorrent huwa anke cittadin Malti, bid-drittijiet tieghu bhalma ghandu kull cittadin, inkluz dak li jigi kkumpensat ta' l-art li tittihiedlu, u l-fatt li kien Membru tal-Parliament u Ministru tal-Gvern ma' ghandha bl-ebda mod titqies illi ghandu anqas drittijiet minn kwalsiasi cittadin - del resto, politiku qieghed hemm biex iservi c-cittadin u ghalhekk huwa cittadin iservi lic-cittadini.*
>
> *Il-Qorti ghalhekk thoss illi tali argumentazzjoni u konsiderazzjonijet ghandhom japplikaw wkoll meta wiehed jikkonsidra l-livell ta' kumpens dovut lejhom, peress illi, la darba il-livell tal-kritika ghandha tkun oghla, il-livell tad-danni subiti ghandha tkun anqas minn dik ta' persuna normali, peress illi, la darba dahlu fil-politika, huma jifhmu ukoll illi jkunu soggetti ghal tali attakki l-hin kollu.*
>
> *Illi, apparti minn hekk, kif gia kellha l-opportunita tirrileva f'kawzi ohra, il- Qorti hija konvinta mill-fatt illi l-politiku jghozz ferm aktar id-decizjoni fuq il- punt tad-dritt milli dik fuq il-punt tad-danni, peress illi l-punt tad-dritt jeffettwa il-percezzjoni illi c-cittadin ikollu dwar ir-rikorrent fuq il-kwistjoni li giet deciza mill-Qorti filwaqt illi l-punt tad-danni jghaddi biex jrodd ammont ta' flus lir- rikorrent bhala flejjes minnha mitlufa rizultat tal-allegazzjonjiet foloz tal- intimat.*

Dana gie anke ribadit fil-kawza fl-ismijiet '**Dr Alfred Sant vs Dr Austin Gatt**' deciza fit 30 ta' Settembru 2013, fejn intqal illi:

> *Il-Qorti tinsab certa li fil-kamp politiku, huwa ferm aktar importanti id-decizjoni tal-punt ta' dritt, ossija jekk kienx hemm malafama jew le, aktar milli id-danni illi ghandhom jinghataw rizultat ta' danni sofferti. Dana qieghed jinghad ghax, fil-kamp politiku, wiehed irid jistenna li jinghaddu kliem libelluzi fil-konfront tieghek, u ghalhekk, danni finanzjarji ftit li xejn jirrizultaw.*
>
> *Huwa ghalhekk illi l-Qorti tqis illi huwa aktar importanti, f'kawza ta' libell bejn politici, li tinghata anqas importanza lejn l-aspett finanzjarju tad-decizjoni u jigi kkunsidrat aktar il-punt ta' dritt illi jkun gie deciz.*

Il-Qorti, madankollu, ma tistax ma tirrilevax illi f'socjeta demokratika bhalma hija dik Maltija, politiku ghandu dejjem jistenna illi jkun soggett ghall-iskrutinju dettaljat mill-mezzi tax-xandir, irrispettivament mill-kulur politiku ta' tali mezz, u dana jghodd, aktar u aktar meta tali polituku huwa attwalment Ministru tal-Gvern elett sabiex jirrappresenta l-poplu u jagixxi ghan-nom tieghu.

Tenut kont ta' tali fatt, il-politiku ghandu jassikura mhux biss illi jipprovdi l-informazzjoni kollha kif rikjesta mill-Ligi li tirregolahom, izda ghandu jassikura wkoll illi, sa fejn possibbli, ghandu jghaddi l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex domandi maghmulha u dubji sorguti jigu risposti u solvuti mill-aktar fis possibbli, sabiex kemm ir-reputazzjoni tal-politiku tigi protetta u, aktar u aktar, sabiex lic-cittadin jinghata dak is-serhan ta' mohh u fiducja illi huwa ghandu bzonn fil-persuni illi qieghdin imexxu l-pajjiz.

Sfortunatament, dina l-Qorti ma tistax ma tosservax illi, l-mod kif ir-rikorrent irrisponda ghal dak lilu rikjest wassal sabiex jitqanqlu aktar dubju milli certezzi. Il-Qorti tinstab certa li, kieku dak dikjarat quddiem dina l-Qorti sar mal-ewwel kif saru l-mistoqsijiet li wasslu ghall-ahbar meritu tal-kawza odjerna, certament il-kaz kien jigi rizolt minnufih u ma kienx ikun hemm bzonn illi jirrikorri lejn il-Qrati sabiex jipprotegi r-reputazzjoni tieghu.

Dana qieghed jinghad peress illi, ftit jiem wara illi r-rikorrent ippresenta d-dokumentazzjoni in sostenn tal-posizzjoni tieghu fil-Qorti, l-intimati ippresentaw dikjarazzjoni ta' skuza lir-rikorrent, liema dikjarazzjoni, li ma gietx accettata mill-istess rikorrent, giet sussegwentement imxandra fil-mezzi tax-xandir.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha

Wara illi rat id-dikjarazzjoni maghmulha mill-intimati

Tghaddi biex taqta u tddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet ta' l-intimati

**Tilqa** t-talbiet attrici u ghalhekk

**Tiddikjara** l-ahbar imxandra fl-ahbarjiet tan-NET News tat-tmienja ta' filghaxija fl-10 ta' Awissu 2013 rigwardanti d-Dikjrazzjoni ta' l-Assi tar-rikorrent bhala malafamanti u libelluza fil-konfront tar-rikorrenti u

**Tikkundanna** lill-intimati, in solidum bejniethom, ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' hames mitt Euro (€500) in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Spejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu kollha a kariku ta' l-intimati in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------